MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Numru 958/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**KEITH GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Galea ta' 24 sena iben John u Helen nee Mifsud, imwieled Pieta nhar it-13 ta' Marzu 1980, li joqghod 20 Triq il-Kardinal Sciberras St. Venera, detentur tal-karta ta' l-identita numru: 155880(M) gie akkuzat talli:

a) fl-4 ta' Novembru ghall-habta tas-1.00pm fi Triq Amleto Spiteri Qormi ikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Graziella Apap, liema feriti huma ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Allan Drago MD
b) Aktar talli fl-istess data, hin u lok, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
c) Aktar talli kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied
d) Aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-qorti tal-Magistrati Malta
e) Aktar talli wettaq reat meta kellu sentenza sospiza ghal 4 snin moghtija mill-Qorti tal-magistrati malta datata 02/07/03

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu tal-1 ta' Gunju, 2005 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li minn verifiki li ghamel jirrizulta li nkwantu ghall-akkuza e) li tirrigwarda Sentenza sospiza ghal 4 snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta datata 02/07/03, diga' nghata provvediment rigward din is-Sentenza fi proceduri ohra u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza e).

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi a), b), c) u d) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi a), b), c) u d) migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile Graziella Apap illum ippacifikat ruhha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 218, 338(dd), 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 u l-artikolu 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Keith Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi a), b), c) u d) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile Graziella Apap illum ippacifikat ruhha, tikkundanna lill-istess imputat Keith Galea ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u mitt Liri Maltin (Lm100) multa.

Rigward l-akkuza e), fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija akkuza u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza e).

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Keith Galea sabiex fi zmien sena millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u tlieta u erbghin Liri Maltin (Lm143) rappresentanti spejjez inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti li jirrigwardaw dan il-kaz.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska u id-distruzzjoni tal-oggett esebit bhala Dok SNG1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------